MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2014

Numru. 517/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Gordon Caruana**

**Kumpilazzjoni Nru: 517/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Gordon Caruana ta’ 31 sena, bin Emanuel u Maria Dolores nee’ Formosa, imwieled Pieta’, fl-14 ta’ Settembru, 1982 u residenti fil-fond numru 240, Triq id-Duluri, Pieta’ u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 497582M.

Akkuzat talli fl-20 ta’ April, 2014 ghal habta ta’ 9am u/jew hinijiet wara, waqt li kien fi Triq Valletta, Marsa u/jew f’dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta’ apparat tal-HI Fi (Speakers tal-marka PIONEER) u/jew oggetti ohra minn vettura tal-ghamla Fiat Bravo numru tar-registrazzjoni CBZ 065 ghad-detriment ta’ Engelbert Mifsud minn Birkirkara u/jew persuni ohra liema serq aggravat bil-lok, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Fiat Bravo numru tar-registrazzjoni CBZ 065 liema hsara hija ta’ aktar minn 116.47 Euros (LM50) izda inqas minn 1165.69 Euros (LM500) ghad-detriment ta’ Engelbert Mifsud minn Birkirkara

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi u zminijiet wara f’dawn il-gzejjer xjentement xtara’ jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom liema oggetti imsemmija li kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-lok, hin, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar tall irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 48, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(e)(g), 263, 264, 269, 271, 289, 325(1)(b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz hekk jinstema.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-ufficjal prosekutur fil-waqt li rtira r-raba imputazzjoni dwar recidiva, iddikjara li t-tielet imputazzjoni dwar ricettazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar serq.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel u t-tieni imputazzjoni; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-prosekuzzjoni rtirat ir-raba imputazzjoni dwar recidiva u ddikjarat li t-tielet imputazzjoni dwar ricettazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar serq li giet ammessa; il-Qorti ghalhekk fil-waqt li ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni ser tiddikjara il-procediment fir-rigward tar-raba imputazzjoni ezawriet.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, kif ukoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li huwa rritorna l-oggetti misruqa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni u fil-waqt li tiddikjara il-procediment ezawriet fir-rigward tar-raba imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(b)(e)(g), 263, 264, 269, 271 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-ufficcju tal-probation.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------